Nru. 18,260
Prezz/Price
€3.35 (Lm1.44)

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 3 ta' Ġunju, 2008
Tuesday, 3rd June, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 476**

**AVVIŻ LEGALI PPUBBLIKAT FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviż Legali li ġej ġie ppubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,259 tat-30 ta' Mejju, 2008.

A.L. Nru. 140 ta' l-2008: Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464); Regolamenti ta' l-2008 dwar l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Emenda tar-Raba' Skeda).

It-3 ta' Ġunju, 2008

**Nru. 477**

**NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, innomina lill-Onor. Imħallef Joseph David Camilleri, LL.D., biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn it-2 u s-7 ta' Ġunju, 2008, matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef.

It- 3 ta' Ġunju, 2008

MJ/207/89/VII

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 476**

**LEGAL NOTICE PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE**

IT is notified for general information that the following Legal Notice was published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,259 of the 30th May, 2008.

L.N. No. 140 of 2008: Healthcare Professions Act (Cap. 464); Healthcare Professions Act (Amendment of Fourth Schedule) Regulations, 2008.

3rd June, 2008

**No. 477**

**APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE**

IT is notified for general information that in virtue of the powers conferred by section 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, on the advice of the Prime Minister, designated the Hon. Mr Justice Joseph David Camilleri, LL.D., to perform the functions of Acting Chief Justice between the 2nd and 7th June, 2008, during the absence of His Honour the Chief Justice.

3rd June, 2008

**Nru. 484**

**ATT DWAR IX-XANDIR**
**(KAP. 350)**

**Ħtiġiet dwar *Standards* u Prattika dwar il-Prezz ta' Telefonati u SMS's fil-Mezzi tax-Xandir**

**Titolu**

It-titolu ta' dawn il-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar *Standards* u Prattika dwar il-Prezz ta' Telefonati u SMS's fil-Mezzi tax-Xandir.

**1. Introduzzjoni**

Dawn il-Ħtiġiet dwar Standards u Prattika saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa ta' l-artikolu 20(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2. Il-Prezz tat-Telefonata u ta' SMS għandu jixxandar**

Meta l-prezz tat-telefonata jew ta' l-SMS ikun ogħla mit-tariffa normali pubblikata, ix-xandar għandu jinforma lit-telespettatur u lis-semmiegħ, skond il-każ, kemm huwa l-prezz ta' dik it-telefonata jew SMS.

Jekk xi parti mill-ħlas tat-telefonata jew ta' l-SMS, skond il-każ, se tingħata għal xi kawża li minnha mhux se isir qligħ, din il-parti trid tkun ukoll speċifikata.

Fil-każ ta' programm televiżiv, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2.1 and 2.2 għandha tingħata permezz ta' *caption* li għandha tikkonforma mal-Ħtiġiet dwar *Standards* u Prattika dwar Sottotitli u Titli Oħrajn fil-Programmi Televiżivi.

Dawn il-Ħtiġiet japplikaw għal kull programm imxandar fuq ir-radju u t-televiżjoni.

**3. Rispett għall-privatezza tal-persuna li ċċempel waqt telefonati.**

Il-preżentaturi tar-radju u tat-televiżjoni għandhom joqogħdu attenti meta jitkellmu ma' persuni fuq it-telefon waqt programmi tar-radju u tat-televiżjoni sabiex jiżguraw illi ma jkun hemm l-ebda invażjoni eċċessiva tal-privatezza tal-persuna li ċċempel.

B'mod partikolari, il-preżentaturi tar-radju u tat-televiżjoni għandhom jevitaw isaqsu mistoqsijiet li għalkemm mad-daqqa t'għajn jidhru innokwi xorta jikkostitwixxu ksur tal-privatezza ta' xi ħadd bħal meta jistaqsu lill-persuna li ċċempel jekk tkunx qed tgħix waħedha jew ma' persuna oħra.

4. Tħassir tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 458 ta' l-2007.

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 458 ta' l-2007 hija b'din imħassra.

It-3 ta' Ġunju, 2008

**No. 484**

**BROADCASTING ACT**
**(CAP. 350)**

**Requirements as to Standards and Practice Applicable to the Price of Telephone Calls and Sms's in the Broadcasting Media**

**Citation**

The title of these requirements is the Requirements as to Standards and Practice applicable to the Price of Telephone Calls and SMS's in the Broadcasting Media.

**1. Purpose**

These Requirements as to Standards and Practice have been made by the Broadcasting Authority in virtue of article 20(3) of the Broadcasting Act, Chapter 350 of the Laws of Malta.

**2. Cost of Telephone Call and SMS to be made known**

Where the cost of a telephone call or sms is higher than the normal published tariff, then the broadcaster has to inform the viewer or listener, as the case may be, of the price of that phone call or sms.

If a proportion of the cost of the call or sms, as the case may be, is intended for any non-profit making cause, then that proportion must also be specified.

In the case of a television programme, the information referred to in paragraphs 2.1 and 2.2 shall be given by means of a caption which shall comply with the Requirements as to Standards and Practice applicable to Crawls and Captions in Television Programmes.

These Requirements apply to any programme broadcast on radio and television.

**3. Respect for caller's privacy during phone calls**

Radio and television presenters should be careful when speaking to people over the phone during radio and television programmes in order to ensure that there is no undue invasion of the caller's privacy.

In particular, radio and television presenters should avoid asking questions which although at face value appear innocuous, could still constitute an infringement of one's privacy such as whether the caller is living alone or with other persons.

4. Revocation of Government Notice No. 458 of 2007.

Government Notice 458 of 2007 is hereby revoked.

3rd June, 2008